MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 62/2012

**Go Plc**
**C 22334**

**Vs**

**Jalil Liliana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€275.61) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40144991* moghtija mis-socjeta attrrici skont id-dokumenti prezentati.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali.
Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta fid-29 ta' Marzu 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€275.61).

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------